



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 5 ta' Diċembru 2013
(OR. en)**

**17392/13
ADD 2**

**Fajl Interistituzzjonali:
2013/0402 (COD)**

**PI 178
CODEC 2842**

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	28 ta' Novembru 2013
lil:	Is-Sur Uwe CORSEPIUS, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2013) 472 final
Suġġett:	Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni Sommarju Eżekuttiv tal-Valutazzjoni tal-Impatt <i>li jakkumpanja d-dokument</i> Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' kompetenza u informazzjoni tan-negozju mhux żvelati (sigrieti kummerċjali) kontra l-akkwist, l-użu u l-iżvelar illegali tagħhom

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument SWD(2013) 472 final.

Mehmuż: SWD(2013) 472 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.11.2013
SWD(2013) 472 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

dwar il-protezzjoni ta' kompetenza u informazzjoni tan-negozju mhux żvelati (sigrieti kummerċjali) kontra l-akkwist, l-użu u l-iżvelar illegali tagħhom

{COM(2013) 813 final}
{SWD(2013) 471 final}
{SWD(2013) 493 final}

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

dwar il-protezzjoni ta' kompetenza u informazzjoni tan-negozju mhux żvelati (sigrieti kummerċjali) kontra l-akkwist, l-użu u l-iżvelar illegali tagħhom

1. INTRODUZZJONI U KONSULTAZZJONI

Fit-3 ta' Marzu 2010 il-Kummissjoni adottat strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv (Ewropa 2020) li tirrikjedi t-tisħiħ tal-għarfien u l-innovazzjoni bħala l-muturi tat-tkabbir ekonomiku tal-Unjoni. Taħt l-inizjattiva prominenti "Unjoni ta' Innovazzjoni", il-Kummissjoni impenjat ruħha li ttejjeb il-kundizzjonijiet tal-qafas għan-negozji biex jinnovaw, permezz, fost l-oħrajn, tal-ottimizzazzjoni tal-Proprietà Intellettwali.

F'dan il-kuntest, fl-24 ta' Mejju 2011, il-Kummissjoni adottat strateġija komprensiva biex tipprovdi għal funzjonament bla skossi tas-Suq Intern għall-proprietà intellettwali.

Kull privattiva u kull disinn jew marka kummerċjali tibda bħala sigriet (it-tnedija ta' prodott ġdid, mediċina rivoluzzjonarja li se toħroġ, prototip ta' magna ta' karozza, eċċ.). Sakemm jista' jiksieb dritt ta' proprietà intellettwali, il-kumpaniji huma vulnerabbli għal serq ta' riċerka, informazzjoni u għarfien ta' valur. Il-liġi tas-sigriet kummerċjali timminimizza r-riskji li jħabbtu wiċċhom magħhom kumpaniji innovattivi u entitajiet ta' riċerka, billi tipprovdi għal mekkaniżmi ta' rimedju legali kontra approprjazzjoni illegali ta' riżultati ta' R&Ż, kompetenza u dejta oħra ta' valur

Sigrieti kummerċjali huma essenzjali għal riċerka kollaborattiva u innovazzjoni miftuħa fi ħdan is-Suq Intern li jeħtieġ il-qsim ta' informazzjoni prezzjuża minn diversi msieħba fost l-Istati Membri. Madankollu, is-sigrieti kummerċjali mhumiex protetti biżżejjed fl-Unjoni. Kumpaniji innovattivi u istituzzjonijiet ta' riċerka huma dejjem aktar esposti għal miżapproprjazzjoni, minn ġewwa u barra l-Unjoni, u n-nuqqas ta' kultura komuni u ambjent legali sod idgħajfu l-kapaċità tagħhom li jiħqu l-potenzjal tagħhom bħala muturi tat-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi.

Din il-Valutazzjoni tal-Impatt tanalizza fejn jinsabu l-għeruf ta' din il-problema u kif dawn jistgħu jiġu solvuti.

Is-servizzi tal-Kummissjoni għamlu użu minn għarfien espert estern. Żewġ studji esterni vvalutaw il-protezzjoni legali mogħtija lis-sigrieti tal-kummerċ fl-UE u irrieżaminaw il-letteratura tal-ekonomija relatata. 537 kumpanija pparteċipaw fi sħarriġ (sħarriġ tal-2012) fil-kuntest ta' wieħed minn dawn l-istudji u s-servizzi tal-Kummissjoni wettqu konsultazzjoni pubblika ma' dawh li wiegħbu li kienu 386.

2. KUNTEST TAL-POLITIKA, DEFINIZZJONI TAL-PROBLEMA U SUSSIDJARJETÀ

Hemm evidenza li l-kumpaniji, irrispettivament mid-daqs tagħhom, jivvalorizzaw is-sigrieti tal-kummerċ mill-inqas daqs il-privattivi u kull forma oħra ta' drittijiet ta' proprjetà intelletwali. Is-sigrieti kummerċjali huma partikolarment importanti għall-SMEs u għal dawk li għadhom kif jibdeu. Is-sigrieti kummerċjali huma wkoll importanti daqs il-ħarsien tal-innovazzjoni mhux teknoloġika. L-industrija tas-servizzi li hija responsabbli għal aktar minn 70 % tal-PDG tal-UE tistrieħ relattivament aktar fuq sigrieti kummerċjali u inqas fuq il-privattivi mis-settur tal-manifattura.

Meta jitqies il-valur ekonomiku ta' sigriet kummerċjali, il-kompetituri jistgħu wkoll jippruvaw jiksuh illegalment, eż. permezz ta' serq, ikkupjar mhux awtorizzat, jiksru r-rekwiiti tal-kunfidenzalità eċċ., u sussegwentement l-użu ħażin tiegħu. Għadd ta' xejriet (il-globalizzazzjoni, l-esternalizzazzjoni, il-ktajjen itwal tal-provvista, aktar użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, eċċ.) jissuġġerixxu li r-riskju ta' miżapproprjazzjoni tas-sigrieti kummerċjali qed jiżdied matul iż-żmien. Wieħed minn kull ħames negozji li wiegħeb għal sħarriġ irrapporta li kien sofra tentattivi jew atti ta' miżapproprjazzjoni fl-UE fl-aħħar 10 snin.

Minkejja l-importanza tas-sigrieti kummerċjali u t-theddidiet li jaffettwawhom, il-qafas legali fl-UE f'it jagħti attenzjoni għal dan il-fenomeni. Ma hemmx regoli tal-UE u l-protezzjoni offruta minn regoli nazzjonali kontra l-miżapproprjazzjoni tas-sigrieti kummerċjali hija irregolari. F'tit Stati Membri jindirizzaw speċifikament il-miżapproprjazzjoni tas-sigrieti kummerċjali fil-liġijiet ċivili jew kriminali tagħhom, filwaqt li l-biċċa l-kbira minnhom jiddependu fuq il-liġi ġenerali tal-kompetizzjoni inġusta jew tad-delitt, u xi dispożizzjonijiet kriminali.

Id-differenzi fil-liġijiet nazzjonali jwasslu għal protezzjoni legali frammentata kontra l-miżapproprjazzjoni tas-sigrieti kummerċjali fi ħdan is-Suq Intern. Dan jidher mit-tabella li ġejja li tqabbel il-liġijiet tal-Istati Membri ma' diversi miżuri importanti magħżula li kull protezzjoni legali bħal din kienet mistennija li toffri:

<i>Il-frammentazzjoni tal-protezzjoni legali (miżuri magħżula)</i> <i>Sors ta' dejta: Baker & McKenzie (2013).</i>																											
<i>Miżuri magħżula</i>	AT	BE	BG	CY	CZ	DE	DK	EE	EL	ES	FI	FR	HU	IE	IT	LT	LU	LV	MT	NL	PL	PT	RO	SE	SI	SK	UK
Definizzjoni ta' sigriet kummerċjali fil-leġiżlazzjoni dwar il-liġi ċivili																											
Disponibbiltà ta' inġunzjonijiet kontra parti terza in bona fede																											
Inġunzjonijiet mhux limitati fiż-żmien																											
Disponibbiltà ta' ordnijiet dwar il-qerda ta' li jirriżultaw/TS																											
Kalkolu ta' danni imsejjes fuq royalty fee ġusta																											
It-tweqqif ta' regoli dwar il-preservazzjoni ta' segretezza (proċedimenti ċivili)																											
Leġiżlazzjoni kriminali suffiċjenti																											
<i>N.B. Ċellola vojta tfisser li l-miżura kkonċernata mhijiex provveduta fil-leġiżlazzjoni nazzjonali</i>																											

- (a) ambitu ta' protezzjoni: f'tit Stati Membri jiddefinixxu sigrieti kummerċjali u miżapproprijazzjoni u uħud ma għandhom l-ebda dispożizzjoni speċifika dwar is-sigrieti kummerċjali.
- (b) rimedji: id-disponibbiltà ta' rimedji b'mandat ta' inibizzjoni biex jitwaqqfu kull tip ta' parti terza milli jużaw ħażin is-sigrieti kummerċjali mħumiex dejjem disponibbli (eż. meta s-sigriet kummerċjali miżapproprijat ikun għe trasferit lil parti terza in bona fede; li jinkisbu inġunzjonijiet mhux limitati fiż-żmien mħumiex dejjem possibbli; ordnijiet dwar il-qerda ta' oġġetti li jirriżultaw u dwar il-qerda ta' informazzjoni miżapproprijata, jew ir-ritorn tagħha għand id-detentur oriġinali tas-sigriet kummerċjali, mħumiex dejjem disponibbli; ir-regoli tradizzjonali dwar il-kalkolu tad-danni (telf reali/profitti mitlufa) ta' spiss ma jkunx adegwati għal każijiet ta' miżapproprijazzjoni tas-sigrieti kummerċjali u metodi alternattivi (eż. l-ammont ta' royalties li kieku kienu jkunu dovuti taħt ftehim ta' liċenzja) mħumiex disponibbli fl-Istati Membri kollha;
- (c) l-iżgurar tal-kunfidenzjalità tas-sigrieti kummerċjali tas-sigrieti kummerċjali waqt il-proċediment tal-liġi ċivili: ir-regoli nazzjonali ta' spiss mħumiex biżżejjed biex jiżguraw tali kunfidenzjalità, u dan jista' jwassal għal telf definittiv tas-sigriet kummerċjali jekk il-vittma jagħżel li jidħol f'litigazzjoni. Dan ir-riskju jgerrex lill-vittmi ta' miżapproprijazzjoni ta' sigriet kummerċjali milli jfittxu rimedju; u
- (d) is-serq tas-sigrieti kummerċjali hu reat kriminali f'ħażna mill-Istati Membri, iżda mhux kollha, u s-sanzjonijiet jistgħu jkunu sostanzjalment differenti.

Din il-protezzjoni frammentata tirrendi l-użu ta' litigazzjoni biex jiġi protett is-sigriet kummerċjali kontra l-miżapproprijazzjoni minn partijiet terzi f'ambjent transfruntier bħala għodda mhux affidabbli għall-protezzjoni tal-proprjetà intellettuali. Hija wkoll iddgħajef il-protezzjoni offruta lill-innovaturi tal-UE kontra oġġetti mmanifatturati permezz ta' sigrieti kummerċjali misruqa u li joriġinaw minn pajjiżi terzi. Il-prattika tikkonferma li r-regoli nazzjonali jidhru mhux attraenti għad-detenturi ta' sigrieti kummerċjali peress li l-kumpaniji qajla jiddefendu s-sigrieti kummerċjali miżapproprijati tagħhom quddiem il-qrati.

Ġew identifikati żewġ **problemi ewlenin**:

1) Inċentivi subottimali għal attivitajiet ta' innovazzjoni transfruntiera. Meta sigrieti kummerċjali huma taħt riskju ta' miżapproprijazzjoni bi protezzjoni legali ineffettiva, jiġu affettwati l-inċentivi biex jitwettqu attivitajiet ta' innovazzjoni (inkluż fuq skala transfruntiera) minħabba:

- (i) il-valur aktar baxx mistenni ta' innovazzjoni li jiddependi minn sigrieti kummerċjali u l-ispejjeż ogħla għall-protezzjoni tagħhom. Fuq naħa waħda, aktar ma tiżdied il-probabilità li sigriet kummerċjali xi darba se jiġi miżapproprijat mingħajr ma sidu jkollu ħażna tama li jirkupra d-danni li dan jista' jikkawżalu, anqas se jkun id-dħul li jista' jistenna. Min-naħa l-oħra, iktar ma tkun dgħajfa l-protezzjoni legali, aktar ikollu kull l-innovatur jinvesti f'miżuri protettivi tiegħu stess. 35 % ta' daww li wiegħbu l-istħarriġ tal-2012 identifikaw “żieda fin-nefqa f'miżuri ta' protezzjoni” bħala konsegwenza diretta ta' atti (jew attentati) ta' miżapproprijazzjoni; u
- (ii) ir-riskju ogħla tan-negozju fil-kundizzjoni tas-sigrieti kummerċjali. Pereżempju, skont l-istħarriġ tal-2012, 40 % tal-kumpaniji tal-UE joqogħdu lura milli jikkondividu sigrieti kummerċjali ma' partijiet oħra minħabba li jibżgħu li jtilfu l-

kunfidenzjalità tal-informazzjoni permezz ta' użu ħażin jew ir-rilaxx mingħajr l-awtorizzazzjoni tagħhom.

(2) Vantaġġi kompetittivi bbażati fuq is-sigriet kummerċjali huma fil-periklu (kompetittività mnaqqsa): il-protezzjoni legali frammentata fi ħdan l-UE ma tiggarrantixxi amibitu komparabbli ta' protezzjoni u livell ta' rimedju fi ħdan is-Suq Intern, b'hekk il-vantaġġi kompetittivi bbażati fuq is-sigriet kummerċjali, jekk ikunux relatati mal-innovazzjoni jew le, jiġu fil-periklu u dan jimmina l-kompetittività tas-sidien tas-sigriet kummerċjali. Pereżempju, l-industrija Ewropea tal-kimika, li tiddependi b'mod qawwi fuq l-innovazzjonijiet tal-proċessi assigurati bis-sigriet kummerċjali, tistax li l-miżapproprijazzjoni ta' sigriet kummerċjali tista' ta' spiss twassal għal tnaqqis fil-fatturat ta' 30 %. Dan jikkomprometti wkoll il-kapaċità tal-innovatur li jikseb dħul xieraq mill-isfruttament tas-sigriet kummerċjali tiegħu.

Negozji innovattivi, b'mod partikolari l-impriżi ż-żgħir u ta' medji (SMEs), huma affettwati ħażin u qed tiġi mminata l-kooperazzjoni fl-innovazzjoni fis-**Suq Intern**. Minħabba livelli differenti ta' protezzjoni, xi kumpaniji huma mġhammra aħjar minn oħrajn sabiex jegħlbu l-isfida ta' ekonomija bbażata fuq l-informazzjoni u għall-isfruttament ta' infrastruttura effiċjenti tal-proprjetà intellettuali. Il-frammentazzjoni tal-qafas legali jimpedixxi l-innovaturi milli jisfruttaw il-potenzjal sħiħ minn fruntiera għall-oħra tas-Suq Intern. Dan għandu effetti li jinfirxu fuq l-investment, l-impjiegi u t-tkabbir ekonomiku.

Fin-nuqqas ta' azzjoni mill-UE (**xenarju ta' bażi**), il-konsegwenzi negattivi li jirriżultaw minn każijiet ta' miżapproprijazzjoni tas-sigriet kummerċjali se jibqgħu indirizzati b'mod insuffiċjenti permezz ta' mezzi legali magħmula disponibbli mill-Istati Membri lis-sidien tas-sigriet kummerċjali għal difiża tagħhom.

3. SUSSIDJARJETA

L-azzjoni tal-UE tista' tkun ibbażata fuq l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE, peress li t-titjib tal-kundizzjonijiet għall-innovazzjoni u t-titjib tal-effiċjenza tal-proprjetà intellettuali fis-suq intern hija fil-qalba tal-inizjattiva. Il-prinċipju tas-**sussidjarjetà** se jiġi rrispettat peress li l-Istati Membri waħdehom ma jistgħux jissodisfaw l-oġettivi tal-inizjattiva. L-azzjoni tal-UE hija meħtieġa b'mod partikolari biex tistabbilixxi qafas legali li jista' jipproteġi u b'hekk isaħħaħ il-flussi transfruntieri ta' sigriet kummerċjali marbuta mal-innovazzjoni fost imsieħba tar-riċerka u dawk kummerċjali billi jiżgura li l-benefiċċji ta' kwalunkwe miżapproprijazzjoni ta' din l-informazzjoni tiġi minimizzata jekk mhux eliminata kompletament. Dan il-fluss ta' informazzjoni huwa importanti ħafna għall-isfruttament tal-innovazzjoni fl-UE u għar-R&Ż.

4. OĖETTIVI

Oġettiv ġenerali: Li jiġi żgurat li l-kompetittività tal-korpi Ewrope tan-negozju u r-riċerka li hija bbażata fuq kompetenzi u informazzjoni mhux żvelata (sigriet kummerċjali) tkun protetta kif imiss u li jitjiebu l-kundizzjonijiet/il-qafas għall-iżvilupp u l-isfruttament tal-innovazzjoni u għat-trasferiment tal-għarfien fi ħdanis-Suq Intern..

Oġettiv speċifiku: It-titjib tal-effikaċja tal-protezzjoni legali kontra l-miżapproprijazzjoni tas-sigriet kummerċjali fi ħdan is-Suq Intern.

Dan l-oġġettiv speċifiku huwa integrat fl-istrategġija usa' tal-UE li tippromwovi u ssaħħa l-effiċjenza tal-infrastruttura tal-proprjeta' intellettwali fi ħdan is-suk intern, fid-dawl tal-għanijiet tal-istrategġija Ewropa 2020 dwar l-Innovazzjoni (cf. Unjoni tal-Innovazzjoni).

Huwa konsistenti mal-impenji internazzjonali tal-UE u tal-Istati Membri tagħha f'dan il-qasam (cf. il-Ftehim dwar aspetti relatati mal-Kummerċ tad-drittijiet tal-proprjeta' intellettwali).

5. PARAGUN TAL-ALTERNATTIVI TA' POLITIKA

<i>Sommarju tat-tqabbil tal-opzjonijiet</i>	<i>Effettività* [b'objettiv operattiv]</i>				<i>L-effiċjenza & il-kostijiet**</i>	
	Ambitu kumparabbli ta' protezzjoni	Livell kumparabbli u suffiċjenti ta' rimedju	Iż-żamma tal-kunfidenzjalita' f'litigazzjoni	Deterrent	Spejjeż	Effiċjenza
Alternattivi ta' politika						
1. Status quo.	0	0	0	0	0	0
2. Informazzjoni/l-għarfien dwar għodod eżistenti ta' rimedju f'każ tal-miżapproprjazzjoni tas-sigrieti kummerċjali.	0	0/+	0	0/+	H	L
3. Illegalita' tal-atti tal-miżapproprjazzjoni tas-sigrieti kummerċjali.	++	+	+	+	M	M
4. Konverġenza tar-rimedji tad-dritt ċivili nazzjonali kontra l-miżapproprjazzjoni tas-sigrieti kummerċjali.	++	++	++	++	M	H
5. Konverġenza tar-rimedji tad-dritt ċivili nazzjonali u rimedji tad-dritt kriminali kontra l-miżapproprjazzjoni tas-sigrieti kummerċjali.	+++	++	++	+++	H	M

* Imqabbel fil-konfront tal-Linja bażi: --- deterjorament sinjifikanti ħafna tas-sitwazzjoni; -- deterjorament sinjifikanti tas-sitwazzjoni; - deterjorament ħafif; 0 l-ebda bidla rilevanti; + titjib ħafif; ++ titjib sinjifikanti; +++ titjib sinjifikanti ħafna.

** Il-valutazzjoni kumplessiva tal-għażla rigward il-kisba tal-oġġettivi. L: Baxx; M: Medju; H: Għoli.

Skont l-Alternattiva 1, in-nefqa fuq il-miżuri protettivi għandha tibqa' għolja u l-kumpaniji jkunu retiċenti li jidħlu f'networks kollaborattivi transfruntieri tal-innovazzjoni. Iffukar eċċessiv fuq il-prevenzjoni jwassal għal restrizzjonijiet aktar stretti fuq l-impjegati u tnaqqis tal-mobilita' tax-xogħol. Inċentivi limitati għall-innovazzjoni ifixxlu l-ħolqien tal-impjiegi. Kostijiet ogħla huma proporzjonalment f'saħħithom aktar għall-SMEs. L-ekonomija tal-UE se jkollha prestazzjoni inqas tajba f'termini ta' impjiegi, innovazzjoni u tkabbir u l-klijenti jkollhom aċċess limitat għal prodotti jew servizzi innovattivi.

L-Alternattiva 2 ittejjeb l-abbiltà tal-inventuri u l-innovaturi li jiffaċċjaw l-isfida tal-miżapproprjazzjoni tas-sigrieti kummerċjali, u b'hekk tinholq aktar fiduċja. Madankollu, din l-alternattiva ma tkux effettiva bis-sħiħ fil-kisba tal-oġġettiv għaliex: tiġġenera kostijiet addizzjonali u riżorsi għall-kumpilazzjoni, il-preżentazzjoni u l-aġġornar kostanti tal-informazzjoni fil-lingwi kollha u azzjonijiet regolari ta' koxjenza; id-detenturi tas-sigrieti kummerċjali xorta jkunu f'pożizzjoni dgħajfa vis-à-vis l-miżapproprjazzjoni tas-sigrieti kummerċjali, il-protezzjoni mhux uguali madwar l-UE tibqa' għaddejja; u l-oġġetti mmanifatturati fl-Istati Membri b'livell baxx ta' protezzjoni jiċċirkolaw madwar is-Suk Intern.

Fl-alternattivi 3, 4 u 5 l-ambitu armonizzat tal-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali jiżgura li tingħata l-istess protezzjoni legali u aktar ċertezza legali. Din se

- (i) issaħħaħ il-kompetittività tan-negozji, minħabba protezzjoni transfruntiera aħjar tal-vantaġġi kompetittivi tan-negozji u ttejjeb l-allokazzjoni tar-riżorsi peress li jkunu mistennija anqas investiment f'miżuri protettivi, u jiġu lliberati r-riżorsi għal aktar investiment produttiv; u
- (ii) tipprovdi aktar inċentivi għall-attivitajiet (transkonfinali) innovattivi, minħabba l-valur akbar mistenni tas-sigriet kummerċjali u protezzjoni aħjar tal-kondiviżjoni transfruntier tal-għarfien.

Dawn l-impatti għandhom iwasslu għal effetti pożittivi fuq l-innovazzjoni (aktar investiment fl-innovazzjoni, transfruntiera tal-kondiviżjoni tal-għarfien u r-riperkussjonijiet) u s-Suq Intern għall-kreattività transfruntiera u l-attivitajiet relatati mal-proprjetà intellettuali. Dawn l-impatti eventwalment se jibbenefikaw mit-tkabbir ekonomiku u l-għażla tal-konsumatur u l-aċċess għal prodotti u servizzi ġodda. Dawn l-alternattivi jistgħu jikkontribwixxu wkoll biex jagħmluha aktar faċli għall-impjegati kkwalifikati (ferm) (dawk li joħolqu jew ikollhom aċċess għal sigriet kummerċjali) li jbiddu lil min iħaddimhom fis-Suq Intern jew li jwaqqfu n-negozju tagħhom.

L-alternattiva 3, sempliċement titlob lill-Istati Membri biex jipprovdu għal rimedji effettivi u proporzjonati mingħajr ma tispeċifikahom u għalhekk tindirizza biss parti mid-dispożizzjonijiet meħtieġa biex ikun stabbilit qafas legali effettiv għall-protezzjoni tas-sigriet kummerċjali kontra l-miżapproprjazzjoni. Barra minn hekk, ma tiżgurax armonizzazzjoni sinifikanti dwar il-kunfidenzjalità tas-sigriet kummerċjali matul il-litigazzjoni. L-atturi potenzjali xorta jkollhom iwettqu valutazzjonijiet tar-riskju differenti f'kull Stat Membru. It-tnaqqis tal-kost tal-informazzjoni jkun limitat.

L-alternattiva 4, taqşam ma' 3 l-impatti pożittivi komuni msemija hawn fuq, iżda barra minn hekk tinkludi miżuri armonizzati biex iwaqqfu partijiet terzi milli jużaw/jisfruttaw is-sigriet kummerċjali miżapproprjati inkluż, fejn xieraq, l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi. Tipprovdi wkoll aktar ċertezza dwar il-preservazzjoni ta' segretezza matul il-litigazzjoni billi jiġi stabbilit qafas legali komuni, filwaqt li jiġu evitati l-ispejjeż u r-riskji assoċjati ma' konverġenza insuffiċjenti u l-iżvantaġġi tal-Alternattiva 3. Għodod aħjar tal-infurzar u titjib fuq l-irkupru tal-ħsarat kif ukoll garanziji aħjar dwar il-preservazzjoni tal-kunfidenzjalità tas-sigriet kummerċjali matul il-litigazzjoni jipprovdu lill-investituri b'serħan il-moħħ aħjar, u b'hekk jiġu ffavoriti investimenti fl-innovazzjoni, b'mod partikolari f'kuntest transfruntier, u b'hekk ikun hemm kontribut għat-tħaddim bla skossi tas-Suq Intern.

L-alternattiva 5 iżżid il-konverġenza tal-liġi kriminali mal-alternattiva 4, it-tisħiħ tal-effett tad-deterrenza tar-regoli u tipprovdi aċċess aħjar għal evidenza taħt is-setgħat ta' investigazzjoni tal-awtoritajiet tal-infurzar. Madankollu, l-Alternattiva 5 tista' tmur lil hinn mill-protezzjoni attwali tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali permezz tal-liġi kriminali, li bħalissa mhijiex armonizzata fil-livell tal-UE. Barra minn hekk, skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, il-liġi kriminali għandha dejjem tibqa' tintuża bħala miżura aħħarija, u wieħed għad irid jara jekk il-bidliet proposti fil-liġi ċivili humiex diġà biżżejjed biex jintlaħqu l-oġettivi.

L-Alternattiva 4 hija dik preferuta.

L-għażla tal-istrument legali: peress li strument legali mhux vinkolanti ma jiggarantixxix l-impatti pożittivi, din l-alternattiva jkollha bżonn li tiġi implimentata f'**direttiva**.

6. L-IMPATTI GLOBALI TAL-ALTERNATTIVA PREFERUTA

Il-konverġenza tar-rimedji tal-liġi ċivili se tippermetti li n-negozji innovattivi jiddefendu sigrieti kummerċjali leġittimi tagħhom b'mod aktar effettiv madwar l-UE. Barra minn hekk, jekk is-sidien tas-sigrieti kummerċjali waqt il-proċedimenti jistgħu jiddependu fuq il-kunfidenzjalità, huma jkunu aktar inklinati li jfittxu protezzjoni legali kontra ħsarat potenzjali permezz ta' miżapproprijazzjoni tas-sigrieti kummerċjali. Aktar **ċertezza legali u konverġenza tal-liġijiet** mill-Alternattiva 4 għandha tikkontribwixxi biex jiżdied il-valur tal-innovazzjonijiet li l-kumpaniji jippruvaw jipproteġu bħala sigrieti kummerċjali, minħabba li jitnaqqsu r-riskji ta' miżapproprijazzjoni.

Din l-alternattiva jkollha wkoll impatti pożittivi fuq il-funzjonament tas-**Suq Intern**; għandha tippermetti l-kumpaniji, b'mod partikolari l-SMEs, u r-riċerkaturi li jagħmlu użu aħjar mill-ideat innovattivi tagħhom billi jikkooperaw mal-aqwa msieħba fl-UE. Din l-inċentiva tal-**innovazzjoni**, u li dan isir b'mod aktar effiċjenti, kif ukoll l-iffrankar tal-kostijiet li jirriżulta minn miżuri protettivi eċċessivi attwali jista' jgħin biex jiżdied l-investment tas-settur privat fir-R&Z fi ħdan is-Suq Intern.

Il-livell komparabbli ta' protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali madwar l-UE se jiżgura li l-importazzjoni ta' merkanzija minn pajjiżi terzi, meta prodotti bħal dawn ikunu nħadmu bl-użu miżapproprijat ta' sigrieti kummerċjali, jista' jitwaqqaf kullimkien fl-UE taħt kundizzjonijiet ekwivalenti.

Fl-istess ħin, il-**kompetizzjoni** ma għandhiex tkun ristretta peress li ma hu qed jingħata l-ebda dritt esklussiv u kull kompetitur huwa liberu li indipendentement jikseb l-għarfien mħares mis-sigriet kummerċjali (inkluż permezz ta' dekompilazzjoni). Dan għandu jkollu, fuq tul ta' żmien, effetti pożittivi fuq il-kompetittività u t-tkabbir tal-ekonomija tal-UE.

Mhux se jkun hemm l-impatt soċjali dirett f'livell komprensiv, bħal fuq livelli nazzjonali tal-impjieg, tal-alternattivi preferuti. Indirettament, madankollu, għandu jkun hemm impatti pożittivi fuq l-iffaċilitar tal-mobilità ta' xogħol bi kwalifiki għolja (dawh li għandhom aċċess għal sigrieti kummerċjali) fi ħdan is-Suq Intern u fuq il-livell ta' impjieg relatati mal-innovazzjoni (bis-saħħa taż-żieda l-attività innovattiva), biex b'hekk ikun hemm kontribut għas-sostenibbiltà ta' impjieg fi ħdan l-UE.

L-alternattiva ppreferuta m'għandux ikollha impatt dirett fuq l-ambjent.

Din l-inizjattiva ma għandhiex taffettwa b'mod negattiv id-**drittijiet fundamentali**.

Azzjoni tal-UE li tipprovdu għal protezzjoni effettiva u ekwivalenti tas-sigrieti kummerċjali madwar l-UE hija appoġġata mill-industrija interessata li rrispondiet għall-konsultazzjoni pubblika u l-istħarriġ speċifiku tal-2012. Għall-kuntrarju, partijiet interessati mhux industrijali ma jarawx il-ħtieġa għal inizjattiva tal-UE.

7. IL-MONITORAĠĠ U L-EVALWAZZJONI TAL-ALTERNATTIVI TA' POLITIKA PREFERUTI

Ser jittieħdu tliet passi: (1) pjan ta' traspożizzjoni; (2) il-monitoraġġ regolari tal-Kummissjoni fuq l-addozzjoni fil-ħin u l-korrettezza tal-miżuri ta' traspożizzjoni u fuq l-applikazzjoni tagħhom; u (3) l-evalwazzjoni tal-effetti tal-politika, fit-terminu medju.